**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 8(e) u 22(2) tal-Kapitolu 101**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Drogi Numru: 150/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**AHMED AL ALLAGI**

**Illum, 3 ta' Mejju 2018**

**Il-Qorti,**

Rat li l-akkuzat **AHMED AL ALLAGI** dententur tal-karta tal-identita' numru 0149301A gie mressaq il-Qorti u akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar is-26 ta' Settembru 2017 ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' filghodu (10.40 a.m.) fi Triq Santu Wistin, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Biegh jew xort'ohra ttrafika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-artikolu 8(e) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkometta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametri ta' skola, club jew xi post

simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur tal-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Talli huwa recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom l-okkorrenza datata 26 ta' Settembu, 2017 mehuda mnn PS 1320 Shawn Axiaq, l-istqarrija ta' l-imputat rilaxxjata nhar is-26 ta' Settembru 2017, kopja vera ta' dokument fejn hemm il-partikolaritajiet ta' l-imputat, il-fedina penali tal-imputat u l-kunsens tal-Avukati Generali datat 26 ta' Settembru 2017 sabiex din il-kawza tigi trattata quddiem din il-Qorti fil-vesti taghha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

**Ikkunsidrat:**

**Claudia Cannito** xehdet nhar is-26 ta' Settembru 2017 u spjegat kif kienet fil-kumpanija tal-gharus taghha Martin Lupoli gewwa San Giljan u rat lill-imputat li gharfet prezenti fl-awla li qallha "tu vuoi qual cosa? Tu vuoi erba?". Tispjega li fil-fatt din il-persuna kienet waqfet lill-gharus taghha. Qalet li hija ma kienet qatt ppruvat id-droga qabel u xtaqet tipprovaha ghall-ewwel darba. Din il-persuna harget il-haxixa u ftit wara waslu l-pulizija.

Spjegat li d-droga huwa harigha minn goz-zarbuna u din kienet go borza tal-plastik. Tghid li l-pulizija marru fuqha u sabu din l-istess borza bid-droga esebita l-Qorti u hallset ghaliha. Qalet li huwa kien semma diversi prezzijiet ghal din id-droga u kienet ghadha ma halsitux x'hin waslet il-pulizija. Kienet ghada m'ghamlet xejn minkejja li d-droga kienet ga f'idejha. Qalet li lill-pulizija kienet tathom hamsin ewro (€50). Murija d-droga esebita l-Qorti tghid li l-gurnata ta' qabel kienet different pero' kien id-dlam u llum dakinhar tax-

xhieda kienet differenti. Qalet li l-hamsin (€ 50) ewro li tat lill-pulizija kienu l-penali li hallset ghall-pusess ta' din id-droga u l-pulizija ma tatha l-ebda ricevuta pero' tghid li kien baqghalha tmur lura ghand il-pulizija sabiex tigbor il-passaport taghha.

Ikkonfermat li d-droga li giet moghtja lilha mill-imputat kienet poggietha fil-but fuq in-naha tax-xellug. Meta waslu l-pulizija kienet hi stess li hargitha mill-but taghha u ghaddietha lilhom. Tghid li din kienet l-ewwel darba li ltaqghet ma' l-imputat u kienet certa li kien l-imputat odjern li kien ghaddielha d-droga.

**Martin Lupoli** xehed fl-istess jum u stqarr li lejliet kien il-hotel u ddecieda li johrog flimkien mal-gharusa tieghu Claudia Cannito u bdew iduru u marru passiggata San Giljan. Waqt li kienu qed iduru ltaqghu ma' l-imputat LI MA JAFX X'JISMU U DAN STAQSIH JEKK KELLUX BZONN XI HAGA. Qal li kellu borza bil-haxixa. Huwa raha u appena raha marru l-pulizija ghal fuqhom . Jghid li l-hu talbu ghoxrin ewro (€20) pero' ma kien lahaq tah l-ebda flus. Qal li d-droga kienet f'idejn it-tfajla tieghu pero' kienu ghadhom ma halsux ghaliha meta waslu l-pulizija. Jghid li l-imputat zamm id-droga fiz-zarbun u cioe' dik tal-lemin, kienet mizmuma go bicca plastik. Muri d-droga li kien hemm il-Qorti esebita gharaf li kienet l-istess li giet mghotija lilhom lejliet. Mistoqsi jekk kienx jaf fejn poggiet id-droga t-tfajla tieghu jghid li jaf u cioe' fil-but tan-naha tax-xellug. Ikkonferma li kien l-imputat li mar fuqhom u staqsihom jekk riedux xi haga. Sa fejn jaf hu t-tfajla tieghu m'ghaddiet l-ebda flus lill-pulizja. Harget biss il-haxixa li kellha fil-but.

Ix-**xjentist Godwin Sammut** xehed u kkonferma li huwa kien gie nominat minn din il-Qorti kif preseduta b'digriet taghha tas-26 ta' Settembru 2017 sabiex jezamina s-sustanza esebita il-Qorti u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhal Dok GS u rritorna lura s-sustanza li kien ezamina. Spjega

li l-piz tad-droga kienet ta' 67g u l-purita' kienet ta' circa 5%. Ikkonferma li din is-sutanza kienet mill-pjanta Cannabis.

L-Ufficjal investigattiv u prosekuttur l-**Ispettur Trevor Micallef** xehed u kkonferma li nhar is-26 ta' Settembru, 2017 ghall-habta tas-saghtejn u nofs huwa kien gie infurmat minn PS 1320 Shawn Axiaq li kien ghadhom kif arrestaw lil Ahmed Al Allagi l-imputat odjern fuq allegat pussess ta' droga fuq allegazzjoni li kien qed jipprova jbiegh id-droga lil xi zewg Taljani. Qal li kien hemm zewg pulizija li kienu rawh u cioe' PC 967 u PC 1049 li raw lill-imputat jghaddi d-droga li sa dak il-hin kellhom suspett li setghet kienet id-droga Cannabis lil din il-persuna Taljana bl-isem Claudia Cannito. Qal li l-istqarrija giet mehuda mill-Ispettur Nicolai Sant pero' PS 130 kien ghaddhielu personalment is-sustanza in kwistjoni u dan wara li kien sabha hu waqt search go Paceville.

**Ispettur Nicolai Sant** xehed u kkonferma l-istatement esebit fl-atti datat 26 ta' Settembru, 2017 irrilaxxjat mill-imputat odjern. Huwa gharaf il-firma tieghu u dik ta' PC 304 Liam O Neil. Qal li l-imputat fehem il-lingwa Maltija u kien ghalhekk li ha l-istqarrija b'din il-lingwa u ma hassx il-htiega li jgib interpretu.

**PS 1390 Antoine Muscat** xehed u kkonferma li nhar is-26 ta' Settembru 2017 waqt li huwa kien ghaddej Paceville ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin (1.40a.m.) u kien fil-kumpanija ta' zewg kollegi tieghu PC 1049 u PC 967 jaghmlu patrol fi Triq Santu Wistin proprju hdejn Hugos Burger, raw persuna li rraportalu li kienet persuna bl-isem Ahmed Al Allagi li gharaf prezenti fl-awla bhala l-imputat u dan kien qed jghaddi borza zghira lil persuna femminili li kienet fil-vicinanzi tieghu. Dak il-hin ma kienx maghhom u ghalhekk stqarr dak li gie rapportat lilu. Huwa esebixxa kopja tal-okkorrenza. Kienu dawn iz-zewg pulizija li akkumpanjaw lill-imputat lejh propju fejn kien qieghed hdejn il-van.

Huwa ghamel *search* fuq il-persuna tieghu bex jara jekk kellux xi sustanzi ohra fuq persuntu u waqt li nehhielu l-affarjiet mill-but tieghu hariglu borza zghira li kienet miftuha u kien hemm xi frak go fiha u meta ra li ma kellu xejn iktar fuq l-persuna tieghu nizlu San Giljan fejn ta *hand over* lil PS 1320 ghal aktar stharrig.

**PC 967 Aiden Vella** xehed u qal li jiftakar li fis-26 ta' Settembru, 2017 waqt li kien qed jaghmel *patrol* vicin il-bajja ta' San Gorg fuq ordni moghtija lilu mis-surgent, huwa flimkien ma PC 1409 waqt li kien hdejn Hugos Burger ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' filghodu (1.40 a.m.) innota persuna li gharaf li kienet l-imputat odjern bil-qeghda fuq qisu cint flmkien ma' zewg persuni mara u ragel u dak il-hin ezatt lemah l-imputat iqassam xi haga lill-persuna femminili u jekk mhux sejjer zbal din kellha nazzjonalita' Taljana u jisimha Claudia Cannito.

Dak il-hin stess huwa flimkien ma' PC 1409 gibdu l-attenzjoni ta' dawn it-tlett persuni u marru ghal fuqhom. Qal li dawn in-nies ma' ppanikjawx u qishom injorawhom. Staqsa lill-imputat dak li kien ghadda u dak il-hin l-imputat donnu pogga xi haga go halqu u pprovaw igieghluh jiftah halqu izda ghall-ewwel ma riedx jikkopera imbaghad fetah halqu u ma raw xejn u mis-suspett li kellu effettivament kien bela' xi haga.

Huwa staqsa lil persuna Taljana x'kien taha l-imputat u talabha sabiex tohrogha mill-but u dak il-hin din il-mara iccassat lejh b'mod iccassat qisu ta' biza'. Dak il-hin harget mill-but taghha borza b'xi sustanza hadra. Muri d-dokument envelop kanella u go fih hemm pakkett trasparenti, jghid li din hi d-droga li huwa ra lill-imputat jghaddi lil din it-tfajla Taljana. Peress li din il-persuna kienet persuna femminili hu zamm is-sachet f'idejh u dak il-hin ghamel *physical search* fuq l-imputat u hadu lill-imputat u din il-koppja hdejn il-vann. Jghid li manetti ma wzawx ghaliex it-tlieta li huma kkopperaw

maghhom. Jaf li in segwitu saret search u instabet xi sustanza fuq il-persuna tal-imputat imbaghad jaf li l-imputat gie eskortat l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan. Jghid li l-imputat kellu fuq persuntu s-somma ta' ghoxrin ewro (€ 20) jekk mhux sejjer zball.

**PC 1409 William Grech** xehed u qal li huwa kien detailed Paceville flimkien ma' PC 967 u kienu ghaddejjin minn Triq Santu Wistin, San Giljan u fid-daqqa u l-hin ra persuna li gharaf prezenti fl-Awla bhala l-imputat li ghadda borza b'sustanza hadra lil certa Claudia Cannito. Dak il-hin ordnaw lil din is-sinjorina tghaddilhom il-borza li kient giet mghotija mill-imputat ftit qabel u ra lill-imputat donnu qisu qed jibla' xi haga u meta ordnawlu jiftah halqu ma riedx izda wara li talbuh aktar minn darba dan bela' dak li kellu f'halqu u fetah halqu u qal li ma kellu xejn.

In segwitu jaf li eskortaw lill-imputat lejn il-Prison Van fejn kien hemm PS 1390 u dan kien ghall-habta tas-saghtejn nieqes ghoxrin ta' filghodu (1.40 a.m.). Dak il-hin huwa u PS 1390 ghamlu search u fuq il-persuna tieghu sabu zewg sachets u eskorta lill-imputat lejn l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan fejn wara ghaddew dawn iz-zewg sachets lis-surgent.

Muri z-zewg envelopes kannella esebiti f'dawn l-atti gharaf is-sachets go fihom. Qal li l-envelope li kien fih is-sachet kien fuq il-persuna tat-Taljana femminili u qaltilhom li kienet akkwistatha minghand l-imputat u qalet li effettivament ma kinitx hallset xi flus taghha. Muri d-dokument l-iehor li jinsab fl-envelope kannella jghid li dawn kienu fuq il-persuna tal-imputat.

Rat il-verbal tat-23 ta' Novembru 2017 fejn l-avukat difensur tal-imputat Dr Patrick Valentino talab li jigi nominat Probation Officer sabiex isegwi lill-imputat u appuntu l-kundizzjonijiet tal-bail moghtija lilu kif ukoll sabiex jara jekk l-imputat odjern hux kandidat odeali sabiex jigi applikat l-artikolu 8 tal-

Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti laqghet it-talba u ddiferiet il-kawza sabiex jidher l-ufficjal tal-Probation.

Rat il-verbal tad-difiza ta' l-istess jum tat-23 ta' Novembru, 2017 fejn ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lil PS 1320 biex jikkonferma l-okkorenza esebita fl-atti u redatta minnu.

Rat in-nota tal-ufficjal tal-Probation Antonella Debono esebita fl-atti nhar il-5 ta' Dicembru, 2017 fejn infurmat il-Qorti li l-ufficjal tal-Probation Anabel Bugeja kienet qed issegwi lill-imputat permezz ta' Ordni provizorja ta' supervizjoni.

Semghet lill-ufficjal tal-Probation Bugeja tghid fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2018 li kienet hadet zewg kampjuni tal-awrina ta' l-imputat u dan sabiex jsiru testijiet fuqhom ghall-prezenza ta' droga u kkonfermat li t-test mehud nhar it-18 ta' Jannar 2018 ta rizultat negattiv u l-iehor mehud fl-1 ta' Frar, 2018 ta' rizultat pozittiv ghall-prezenza tad-droga Cannabis.

L-**ufficjal tal-Probation Anabel Bugeja** xehdet nhar it-8 ta' Marzu, 2018 u spjegat li l-imputat kien ikkontesta r-rizultat li nghata dwar il-prezenza ta' droga Cannabis fuq il-kampjun tal- awrina tieghu u tghid li r-rizultat il-gdid ikkonferma tali prezenza. Fit-12 ta' Frar, 2018 ittiehed kampjun iehor u dan ukoll irrizulta fil-pozittiv ghall-prezenza ta' droga Cannabis u ghal darbohra l-imputat rega' ikkontestah, intbghat il-Laboratorju u rega' rrizulta kkonferma li kien hemm tali prezenza. Ittiehed test iehor fis-27 ta' Frar 2018 u ghal darb ohra dan ta rizultat pozittiv ghall-prezenza tad-droga cannabis. L-imputat m'accettax dan ir-rizultat pero' dana gie konfrontat u fil-fatt stqarr maghha li kien abbuza mid-droga Cannabis fil-gimgha ta' qabel. Qalet li l-imputat fil-prezent ma jahdimx u ghandu problema kbira dwar finanzi. Fil-fatt stqarr maghha li jixtieq imur il-habs sabiex jiritra il-flus li kien pogga il-Qorti meta

nghata il-bail liema flus kienu gew mislufa lilu minn terzi u qalet ukoll li jinsab rezistenti sabiex iwaqqaf l-abbuz tal-Cannabis.

Semghet lill-imputat **AHMED AL ALLAGI** jixhed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-13 ta' Marzu 2018 u cahad dak li qalu l-barranin meta xehdu l-Qorti li huwa kien biegh droga lilhom. Qal li dawn it-tfajliet kienu nisa sbieh. Dakinhar kien xtara nofs gramma droga minghand Somalu u huwa flimkien ma' dawn it-tfajliet pejpu d-droga flimkien billi ghamel *joint* ghalih u iehor ghalihom. Stqarr li din kienet il-verita'. Mistoqsi jekk kienx ircieva xi flus minghand dawn it-Taljan jghid li huma ppruvaw ituh xi flus izda hu m'accettahomx. Jghid li lanqas ma jiftakar l-ammont li kien offrut.

Semghet lill-ufficjal Prosekutur u l-avukat difensur jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-11 ta' April 2018 meta talbu lil din il-Qorti taghti s-sentenza finali taghha.

KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

## Oneru tal-Prosekuzzjoni

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini[1] fil-ktieb tieghu Diritto Penale:-

"*Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit*".

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat.

[1] Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890

Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[2]:

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*."

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati, l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[3], fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[4] tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.'*

[2] Deciz mlill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997
[4] moghtija minn Lord Denning - 1974 - ALL Er 372

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*"

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**[5] fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**L-ghodda biex tiddeciedi**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi ghandu jaghzel is-sikrana mill-qamh. Kif se jaghmel dan?

Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti[6].

---

[5] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002

[6] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius vs Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti

F'decizjoni tal-Qorti fil-kaz **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[7] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

*Din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma' x-xhieda u ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dan l-ambjent izda jkunu qegħdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta'John Bonello. Id-diskrepanzi zgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu,"zgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-kaz u jfakru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti bizzejjed biex ma "jikorregux il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkazzjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettall fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.*

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

"*Id-decizjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiggudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hiex konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xiehda hiex imsaħħa minn xiehda oħra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.*"

[7] Deciza mill-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007Appell Kriminali Numru. 115/2006

## Apprezzament tal-provi fl-assjem:

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

## Provi ċirkostanzjali

Illi fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Abdellah Berrad et</u>** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)[8] ingħad is-segwenti:

"*Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilta'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.*"

---

[8] Din l-sitess Qorti nhar id-19 ta' Mejju 2014

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Lee Borg et**.[9], fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**[10]: "*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[11] b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents is much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved and other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference*".

[9] Deciza fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998
[10] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961
[11] 1997 Edition Para 10-3

Illi din hija eżattament il-pozizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**[12].

Il-Qorti tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħall-katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** daħlet fil-fond dwar il-prova ċirkostanzjali u l-konklużjoni univoka, fejn ikkwotat il-ġurista Ingliż **Pollock C.B**:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of".*

Il-Qorti ziedet tghid li "*biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. In oltre il-konklużjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista' twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubju dwar l-univoċita' tal-provi ċirkostanzjali*

[12] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgħa (9) ta' Jannar 1998

*liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita .*[13]"

Huwa veru li l-imputat m'ghandu ghalfejn jipprova xejn u jista' joffri d-deposizzjoni jekk irid u minghajr ma jkun imgieghel. Imma la darba jaghmel asserzjoni bhal dik allura jkun hemm shift tal-"evidential burden" fejn ikun mehtieg prova ta' dak li nghad biex tigi sostanzjata. Jekk dan ma jsirx, allura dik tibqa' biss allegazzjoni in arja w ma tistax titqies mill-Qorti.

**Fatti tal-kaz**

Illi fil-kawza odjerna l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' fatti ta' kif sehh l-incident. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni nkluz ix-xhieda pajzana qed jghidu li gharfu lill-imputat odjern ibiegh id-droga lill-zewg Taljani nhar is-26 ta' Settembru 2017 fis-sighat bikrin ta' filghodu waqt li kienu gewwa Paceville u il-verzjoni ta' l-imputat li jghid li kien xtara nofs gramma minghand Somalu u beda jpejjipha flimkien ma' zewg nisa sbieh Taljani billi hu ha joint u ghamel joint iehor ghalihom.

Illi pero' gara li fil-mument meta l-imputat kien qed jghaddi d-droga lit-tfajla Taljana Claudia Cannito ntlemah minn pulizija li kienu qed jaghmlu r-ronda u ghalhekk fil-pront gew imwaqqfa u t-tfajla giet mistoqsija biex turi x'kienet dahhlet fil-but u fil-pront harget *sachet* li skond ix-xjentist Godwin Sammut, nominat minn din il-Qorti biex jezamina id-droga, gie kkonfermat li d-droga misjuba fil-but ta' Claudia Cannito kienet droga Cannabis. Jinghad ukoll li l-ammont kien wiehed zghir, 67 gramma u ta' purita' zghira inqas minn 5%.

Kemm il-pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri u cioe' PC967 u PC 1049 kkonfermaw li raw lill-imputat jghaddi l-pakkett lit-tfajla Taljana, kif ukoll it-tfajla

[13] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Onor. Imhallef Michael Mallia) Il-**Pulizija (James Grech) vs Cyrus Engerer** deċiża 08 ta' Mejju 2014

Taljana kkonfermat li l-imputat kien taha droga u dan ukoll gie konfermat mit-tfajjel li kien ma' Claudia Cannito u cioe' Martin Lupoli.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li f'dan il-kaz tezisti kemm ix-xhieda okulari li raw it-transazzjoni issehh kif ukoll ix-xhieda cirkostanzjali u korroborattiva ghaliex instabet id-droga.

Illi jinghad li x-xhieda moghtija mill-koppja Taljana kif ikkonfermata mill-ufficcjal tal-pulizija ghandha aktar mis-sewwa mix-xhieda moghtija mill-imputat.

Il-Qorti ppruvat tghin lill-imputat sabiex jehles mill-problema tad-droga li huwa ghandu tant li nnominat Ufficjal tal-Probation sabiex tissorveljah waqt l-andament ta' din il-kawza pero' dan ma serva l-ebda frott ghaliex l-imputat baqa' fit-triq tal-kriminalita' u jabbuza mid-droga Cannabis u ghalhekk l-imputat ghandu issa jiffaccja l-konsegwenzi ta' ghemilu.

Jinghad li l-imputat ttraffika d-droga Cannabis gewwa Paceville kif jirrizulta mix-xhieda prodotta u dan hdejn l-istabbiliment Hugo's Burgers li jinsab inqas minn mitt metru 'l boghod minn fejn jiltaqghu iz-zghazagh.

Il-Qorti rat li l-imputat diga' kiser duffrejgh mal-ligi meta nghata sentenza minn din il-Qorti diversament preseduta u gie kkundannat sitt xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il xahar meta nstab hati fuq akkuzi ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti.

Il-Qorti rat li l-imputat gie akkuzat ukoll talli huwa recidiv pero' l-prosekuzzjoni naqset li tesebixxi xi sentenza li nghatat fil-konfront tieghu minn dawn il-Qrati u ghalhekk l-akkuza ta' recidiva ma tistax tirrizulta provata.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' Artikoli 8(e) u 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat AHMED AL ALLAGI hati tal-akkuzi ta' bejgh ta' droga Cannabis f'distanza ta' inqas**

**minn mitt metru minn fejn jiltaqghu iz-zghazagh u tikkundannah ghall-piena karcerarja effettiva ta' sena. Oltre dan tikkundannah ihallas multa ta' mitejn ewro (€200) u tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuza ta' recidiva u tilliberah minnha.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**